/
MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 6

15 ta' Lulju 2013

Minuti tas-seduta Nru. 6 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju 2013

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 5, mingħajr emendi, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Inizjattiva "Arti fil-Misraħ" (A/5/5/Vol IV)

2.1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet lill-Kunsill li kull nhar ta' ġimgħa qed ikun hemm bejn erba' u ħames artisti, flimkien ma' mużiċist f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Hija qalet li din l-inizjattiva ntlaqgħet tajjeb, partikularment mit-turisti, filwaqt li l-artisti u l-mużiċisti qed iħossu li ngħataw opportunita` biex juru t-talenti tagħhom fil-pubbliku.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2012 (F/1/7/Vol III)

2.2.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.10.1. tas-seduta preċedenti dwar is-suġġett t'hawn fuq. Huwa qal li l-Mellieħa ġiet ikklassifikata fit-tieni post u nagħtat premju ta' €10,000, li 60% ġew ippreżentati mill-ewwel, filwaqt li l-kumplament ser jingħataw hekk kif id-Dipartiment tal-Kummerċ jingħata prova li l-attivitajiet imsemmija fin-nomina mressqa jkunu seħħew. Il-Kunsill Lokali tal-Ħamrun ġie kklassifikat fl-ewwel post, filwaqt li dak ta' Marsascala ġie t-tielet.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'żoni turistiċi (T/12/Vol II)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.9.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li minkejja li qed jittieħdu miżuri biex jiġu limiti l-permessi msemmija waqt ix-xhur tas-Sajf, qed ikun

hemm negliġenza min-naħa tal-Gwardjani Lokali fil-kontroll tat-traffiku, tant li meta jiġu ordnati tnejn, dawn ma jkunux mgħammara bir-radju biex jikkordinaw aħjar it-traffiku. Spiss jirriżulta fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira, fejn jitħalla jgħaddu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet opposti fl-istess ħin, bir-riżultat li tinħoloq konġestjoni u staġnar. F'każ partikulari kellha tintalab l-assistenza tal-Pulizija għaliex ħadd ma ried jiċċaqqlaq.

2.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jkompli jsir emfasi mal-aġenzija tal-gwardjani lokali dwar l-użu tat-*two way radio* u l-ħtieġa ta' aktar attenzjoni min-naħa tal-gwardjani li jintbagħtu.

## 2.4.1. Avventura Sajf 2013 (E/3/4/Vol VIII)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet lill-Kunsill li AvventuraSajf bdiet kif kien ippjanat fl-10 ta' Lulju. Qabel, kien hemm tliet laqgħat mal-għalliema u waħda mal-ġenituri, bil-għan li jkun hemm aktar kordinazzjoni bejn il-partijiet kollha nvoluti. Hija qalet ukoll li qed tiġi mgħejjuna mill-Kunsillier J. Attard. Irriżulta wkoll li kien hemm spazju aktar minn biżżejjed għal sitt klassijiet, peress li Club 3-16 ma kienx jirrikjedi l-ispazju kif kien maħsub.

2.4.3. Is-Sindku qal li teżisti problema ta' supervizzjoni fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, waqt id-dħul, peress li l-ħinijiet tal-gwardjani lokali m'għadhom regolati mill-Kunsill. Huwa qal ukoll li saret talba lill-Pulizija tad-Distrett sabiex tingħata għajnuna f'dan ir-rigward. Il-kuntatti magħhom għadhom għaddejjin

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti

## 2.5.1. Ċentru ta' Interpretazzjoni fl-Irżieżet ta' Selmun (P/10/3/Vol III)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.3. tas-seduta preċedenti u ppropona li titħallas l-*levy* mitluba mill-MEPA ta' €9,261.24 in konnessjoni ma' applikazzjoni għall-bdil fl-użu tal-irżieżet għal dak ta' *interpretation centre* (Tracking No. 149963). Is-Sur J. Buttigieg qal li din jeħtieġ titħallas minnufiħ qabel titwaqqa' u jkollhom jsiru spejjeż addizzjonali jekk ikollha terġa tiġi sottomessa mill-ġdid.

2.5.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 2.6.1. Ġbir tal-iskart reċiklabbli u latrini pubbliċi fl-Għadira (K/6/11)( X/1/3/Vol VII)(L/3/Vol II)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-*litter bins* ipprovduti minn Green MT Ltd, din is-sena, tpoġġew tard, minkejja l-pressjoni li saret fuqhom mill-Kunsill. Irriżulta wkoll li meta dawn inġiebu fuq il-post kienu fi stat ħażin ħafna, peress li ma ġewx merfugħa taħt is-saqaf, iżda tħallew ġo bitħa f'Tal-Ħandaq, Ħal Qormi. Green MT Ltd ma pprovdietx servizz tat-tbattil tal-iskart b'mod separat, tant li l-iskart kellu jinġabar mill-ħaddiema tal-Cleansing Services Department. Il-Kunsill ġie mfakkar li ftit tal-jiem qabel in-Northern Cleaning Co-operative kienet infurmat lill-Kunsill illi kienet ser twaqqaf is-servizz dwar il-ġbir tal-iskart reċikklabbli mid-djar, minħabba li kien ilha diversi xhur ma tirċievi pagamenti mingħand Green MT Ltd.

2.6.3. Is-Sur J. Buttigieg informa lill-Kunsill illi fil-15 ta' Lulju 2013 saret laqgħa mas-Sur Joe Attard minn Green MT Ltd sabiex jispjega s-sitwazzjoni. Is-Sur Attard ilmenta illi l-ħsara li ġiet ikkawżata fil-*litter bins* kienet tort tort tal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu għaliex dawn tħallew barra, esposti għall-elementi. Minkejja dan, is-Sur Attard wiegħed li dawn ser jinżebgħu u jitwaħħlu l-i*stickers* fuqhom mill-ġdid. Huwa qal ukoll li s-separazzjoni tal-iskart mill-Għadira ser terġa tibda ssir minn kuntrattur ta' Green MT Ltd, kif kien isir fis-sentejn preċedenti.

2.6.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li kien hemm xi klawsoli fil-kuntratt, li ġie ffirmat bejn il-Kunsill u Green MT Ltd f'Marzu 2013, illi ma kinux qed jiġu osservati, fosthom:

- Is-servizz tal-ġbir tal-iskart reċikklabbli mill-*Caravan Site* tal-Għadira mhux qed jingħata;
- L-€1,000 li kellhom jitħallsu mal-iffirmar tal-kuntratt bejn il-Kunsill u Green MT Ltd kienu għadhom ma ġiewx mgħoddija lill-Kunsill;

- Ma sarx it-tqassim tal-fuljetti bil-għan li jkompli jeduka lir-residenti dwar il-ħtieġa li jiġi separat l-iskart;
- Kontijiet mhux imħallsa marbuta ma' piż li nġabar fuq il-kwota stabbilita matul l-2012; u
- €1,500 li huma ndirizzati għall-iffinanzjar ta' attivitajiet b'tema ambjentali.

2.6.5. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, huwa ltaqa' ma' diriġenti ta' GreenPak Ltd, li jipprovdu skema simili bil-għan li l-Kunsill ikun jista' jevalwa l-għażliet disponibbli, kemm-il darba Green MT Ltd ma tonorax l-obbligi tagħha.

2.6.6. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet, filwaqt illi qabel li jingħata aktar żmien sabiex Green MT Ltd jiġu konformi mal-ftehim.

2.6.7. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni wkoll għall-minuta 16.3. u qal li fid-9 ta' Lulju 2013 saret laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu s-Sur Josef Formosa Gauci, fejn kien preżenti wkoll id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-Sur Carmel Abela, il-konsulent fis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali s-Sur Michael Cohen u s-Sur Ramon Deguara mill-Cleansing Services Department, fost oħrajn. Fl-istess laqgħa saret pressjoni sabiex jiġi mtejjeb is-servizz fil-latrina pubblika tal-Għadira (San Remo) billi jkun hemm attendenza kontinwa bejn l-10.00am u s-6.00pm. Sar aċċenn fuq is-separazzjoni tal-iskart, li sa dakinhar kien għadu mhux qed jingħata minn Green MT Ltd. Is-Sindku qal li minħabba raġunijiet finanzjarji, il-Kunsill preċedenti kien ta kuntratt li jipprovdi għal attendenza limitata fil-latrini kollha, u li din kienet l-ewwel prova tiegħu.

2.6.8. Fl-istess laqgħa ġie miftiehm li l-attendenza fil-latrina tal-Għadira (San Remo) tiġi mtejjba kif intqal aktar 'il fuq. Dan it-tip ta' servizz jingħata sat-30 ta' Settembru 2013, filwaqt li l-ispiża nvoluta biex isir dan, tagħmel tajjeb għaliha għajnuna finanzjarja mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali flimkien ma' l-għeluq tal-latrina fl-Armier fil-perjodu Ottubru/Novembru 2013. L-għada ta' din il-laqgħa saret oħra fis-Segretarjat responsabbli mill-Kunsilli Lokali, li flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, attendew ukoll is-Sur Michael Cohen, il-kuntrattur konċernat u uffiċjali mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu. F'din il-laqgħa ġie diskuss l-aspett finanzjarju tat-tibdil li kien hemm qbil fuqu fil-ġurnata ta' qabel.

2.6.9. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet mis-Sindku.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 10/07/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 21/06/13 – 11/07/13;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rapport Amministrattiv u Rapport tal-Uditur 2012;
- Minuti – Laqgħa Bord ta' Tmexxija dwar il-Park tal-Familja – 26/06/13;
- Minuti – Laqgħa Sotto-Kumitat dwar il-Manikata – 03/07/13;
- Minuti – Laqgħa Sotto-Kumitat Żgħażagħ – 27/06/13;
- Minuti – Laqgħa għall-Għaqdiet – 16/04/13/

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Faċilitajiet ta' parkeġġ fi Triq iċ-Ċirkewwa (T/3/2/Vol X)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datata 10 ta' Lulju 2013, mibgħuta mill-Paradise Bay Hotel, fejn intalab li jiġu allokati *parkings bay* għal ħatt u tagħbija ta' merkanzija bejn is-7.00am u s-6.00pm, kif ukoll għal persuni b'diżabilita`.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-faċilita` mitluba għandha tkun limitata bejn id-9.00am u l-5.00pm bl-esklużżjoni tas-Sibtijiet, il-Ħdud u l-btajjel pubbliċi.

**4.2.1. Reviżjoni tal-Pjan Lokali għall-Majjistral (P/5/1/Vol III)**

4.2.2. Saret referenza għal ttra datata l-1 ta' Lulju 2013, mibgħuta mill-MEPA, fejn sar aċċenn għal stqarrija li maħruġa mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Ippjanar - l-Onor. Michael Farrugia - fuq it-tnedija tal-proċess ta' konsultazzjoni dwar il-Pjanijiet Lokali. Fl-istess ittra, il-Kunsill ġie mistieden jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-viżjoni tiegħu għal-lokalita` għall-għaxar snin li ġejjin, kif ukoll jikkummenta fuq il-Pjan Lokali attwalment fis-seħħ. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-ewwel laqgħa pubblika ser issir fl-Iskola Primarja tal-Imġarr fit-23 ta' Lulju 2013 fis-6.00.

4.2.3. Is-Sindku kkummenta li l-Pjan Lokali huwa dokument important ħafna, fejn il-Kunsill Lokali għandu jkun inpenjat bi sħiħ sabiex jgħin lill-MEPA tfasslu bl-aħjar mod li jaqdi l-esiġenzi attwali u futuri tal-lokalita`. Is-Sur J. Buttigieg qal li fost is-suġġetti li ċertament għandhom jiġu trattati fil-Pjan huma s-segwenti:

- Iż-żieda tat-traffiku fil-Manikata;
- L-Iskemar ta' Sqaq Ħarruba fil-Manikata bħala triq pubblika;
- Allokazzjoni ta' art għal faċilitajiet sportivi fil-Mankata;
- Allokazzjoni artijiet għall-ikkampjar u *caravans*;
- L-għoli tal-bini f'żoni varji;
- Użu tal-art konfinanti minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq Ħalq iċ-Ċawl, u Triq il-Fortizza;
- Il-parkeġġ tal-Għadira;
- Dikjarazzjoni ta' art fi Triq l-Għerien bħala waħda 'l barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ); u
- Triq il-Kbira tiġi kkunsidrata bħala *Secondary Town Centre* bħal fil-każ ta' Triq Ġorġ Borg Olivier.

4.2.4. Il-Kunsill innota l-punti mqajjma mis-Sindku, filwaqt li l-Kunsillieri J. Attard, E. Bartolo, A. Brincat Stellini, P. Cutajar, J. Gauci u D. Vella kkonfermaw li ser jattendu għal-laqgħa tat-23 ta' Lulju 2013.

**4.3.1. Parkeġġ riżervat għaċ-Ċentru Parrokkjali (T/3/2/Vol X)**

4.3.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 4 ta' Lulju 2013, mibgħut mill-Kappillan Fr Joe Caruana fejn intqal li l-ħinijiet marbuta mal-parkeġġ riżervat, li hemm faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali għandu jiġi estiż għal bejn it-8.00am sas-7.00pm. Dan peress li l-attivitajiet fl-istess ċentru jseħħu matul diversi ħinijiet tal-ġurnata u ma jkunux limitati biss għal waqt il-ħin tat-tagħlim tad-duttrina.

4.3.3. Il-Kunsill approva t-tibdil fil-ħinijiet skont it-talba.

4.4.1. ***Railing* fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/4)**

4.4.2. Saret aċċenn għal ittra datata 26 ta' Ġunju 2013, fejn is-Sinjura Tonya Mifsud ġibdet l-attenzjoni dwar il-ħtiega li jsir *railing* quddiem il-bieb tal-*play school* fil-kunvent tas-sorrijiet fi Triq Gorg Borg Olivier.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir b'tali mod li t-tfal ma jibqgħux ħerġin dritt għal ġot-triq, kif ukoll ma jiġix imxekkel l-ipparkjar, fejn dan huwa permess.

4.4.4. Is-Sindku ppropona wkoll li jsir railing fit-tarag ta' Triq il-Qalb Imqaddsa bejn Triq il-Kappillan Magri u Triq Ġorġ Borg Olivier.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imessqa *Purchase Request Form* datata 11 ta' Lulju 2013.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn il-21 ta' Ġunju u l-11 ta' Lulju 2013.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk din ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

**7.1. Opportunitajiet dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti u inizjattivi permezz ta' programmi ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea (P/10/1/Vol III)**

7.2. Dan is-suġġett ġie pospost, minħabba li l-uffiċjal tal-MEUSAC konċernat ma setax jattendi.

**8.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2013 (A/5/3/5/Vol V)**

8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ressaq abbozz ta' programm għas-16, 17 u 18 ta' Awwissu li jinkludi:

*16 ta' Awwissu*

- Kunċert mill-Junior Choir & Orkestra f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II;
- Kunċert mit-*tribute band* Killer Queen f'Misraħ il-Parroċċa;

*17 ta' Awwissu*

- Kunċerti mużikali u żfin bil-parteċipazzjoni ta' artisti lokali fil-pjazez u toroq ewlenin tal-Mellieħa;
- Wirja ta' *offroading* imtella' mill-All Wheel Drive Club fi Triq il-Kbira, bejn Triq Għajn Żejtuna u Triq ix-Xagħra ta' Barra. Wirja ta' karozzi Mini u kompetizzjoni *DB Drag Sound Competition*;
- *Magical Disney Parade* imtella' mill-Artemocion Dance School; Kant mill-korr tat-tfal ta' Phyllisenne Brincat; Varjeta` bil-parteċipazzjoni ta' Andrew Micallef fuq l-*accordian*, Joe S. Grech u Alice, Mattei Curmi u Keith Dance Studio. *Street sports* fi Triq Ġorġ Borg Olivier;
- Kunċert ta' *musica da camera* imtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, Kor Għallenija, is-sopran Andriana Yordanova u l-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial fil-Bitħa tas-Santwarju;

*18 ta' Awwissu*

- Kompetizzjoni tad-*drifting* imtella' mill-Malta Drifting Association fi Triq il-Marfa;
- Varjeta` ta' mużika u żfin bil-parteċipazzjoni ta' Adonel Dance Studio u l-programm televiżiv Sajf ma' Gaffiero bis-sehem ta' artisti lokali. *Street sports* fi Triq Ġorġ Borg Olivier;
- Rappreżentazzjoni mtella' mit-tfal li jattendu AvventuraSajf 2013; *musical* oriġinali – *The Legend of Titania's Daughters* mtella' minn Artemocion Dance School. Kunċert mill-band Melleħija JAMM bis-sehem ta' diversi kantanti, f'Misraħ il-Parroċċa;
- Kunċert ta' *mużika da camera* imtella' mill-Kor Vuċijiet Vittorjani u l-Kor tas-Santwarju fil-Bitħa tal-istess Santwarju;

8.3. Is-Sur C. Bartolo ppropona wkoll li jkun hemm attrazzjonijiet oħra bħal bejgh ta' ikel u prodotti lokali, wirjiet ta' arti u artiġġjanat, area fejn jilgħabu it-tfal bis-sehem ta' karattri popolari, *street performances*, wirja statika ta' karozzi u muturi, ftuħ tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija u s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, wirjiet ta' arti u artiġġjat mill-Art Club 2000 u rappreżentazzjonijiet mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

8.4. Ġie spjegat li għandu jkun hemm reklamar tal-attivitajiet imsemmija, permezz ta' *billboards*, fil-ġurnali u perjodiċi, facebook eċċ. Is-Sur C. Bartolo qal li l-ispiża fuq dan l-aspett tal-Iljieli Melleħin m'għandiex taqbeż €3,000 bil-VAT inkluża.

8.5. Il-Kunsill approva l-abbozz tal-pjan u kien hemm qbil li għandu jitfassal *budget* għall-attivita` kollha.

## 9.1. Sejħa Nru. 2/2013 – Servizz ta' Tindif f'Toroq Urbani (T/4/5/Vol IV)

9.2. Saret referenza għall-minuti tal-laqgħa tat-*Tender Adjudication Board* li saret fl-10 ta' Lulju 2013, liema rapport ġie mgħoddi lill-Kunsillieri qabel is-seduta.

9.3. Is-Sindku għarraf illi fid-dawl tar-rakkomandazzjoni li għamel il-Bord, ġew intervistati l-offerenti is-Sur Antoine Fenech minn AAF Services u s-Sur Alex Fenech minn Euro Clean Waste Services Ltd.

9.4. Is-Sur J. Buttigieg qal li AAF Services qalu li fuq ix-xogħol tat-knis mekkanizzat ser ikun żewġ ħaddiema, wieħed isuq il-*mechanical sweeper* u l-ieħor biex iressaqlu x-xogħol minn postijiet li ma jintlaħqux mill-maġna. Ġie spjegat li t-tindif manwali f'postijiet bħat-turġien isir mill-istess ħaddiema fuq il-ġbir tal-iskart ġoff, fil-ġranet meta dan is-servizz ma jingħatax. Is-Sur Antoine Fenech għarraf li huwa għandu *mechanical sweeper* bil-magna Euro 4, u f'każ ta' ħsarat huwa jkun jista' jikri oħra. Mistoqsi dwar il-post fejn dan ser jinżamm, is-Sur Fenech qal li *mechanical sweeper* jista' jiġi pparkjat fit-triq, peress li la huwa kbir u lanqas jikkawża nkonvenjent bl-irwejjaħ. Minkejja dan huwa għandu post fejn iħalliħ, f'Għajn Żnuber. L-offerent qal ukoll illi minkejja li fl-offerta tiegħu ta rati differenti matul it-tliet snin tal-kuntratt, lest li jħallihom bħal tal-ewwel sena, kemm-il darba ma jiżdiedx il-prezz tad-diesel.

9.5. Is-Sur Alex Fenech ta' Euro Clean Waste Services Ltd qal illi prezzijiet li huwa kkwota jinkludu tindif bi *sweeper* mekkaniku mħaddem bi tliet ħaddiema – wieħed isuq is-*sweeper (part-time),* ieħor li jkun jassistiħ sabiex iressaqlu x-xogħol minn postijiet mhux aċċessibbli, u ħaddiem ieħor sabiex jagħmel knis manwali fit-turġien u postijiet oħra ndikati fid-dokument tal-offerta. L-offerent qal li għalkemm attwalment għandu erba' *sweepers*, ikun jista' jimporta wieħed tat-tip Euro 5 fi żmien għaxart'ijiem minn meta jkollu l-ittra ta' aċċettazzjoni f'idejh. Mistoqsi għal liema raġuni kkwota rati li huwa ta fil-kuntratt attwali mogħti lilu tliet snin qabel, is-Sur Alex Fenech wieġeb li s-suq ma jippermettix li jgħolli r-rati. Minkejja dan ma jkunx possibbli għaliħ li jaħdem, kemm-il darba jkun hemm awment fil-prezz tad-diesel jew fit-*tipping fees* mitluba mill-WasteServ (Malta) Ltd.

9.6. Dwar id-dikjarazzjoni li saret minn Euro Clean Waste Services Ltd rigward xi żidiet li jista' ikun hemm fit-*tipping fees* u fil-prezz tad-diesel, is-Sindku qal li fid-dawl tad-differenza sostanzjali fil-prezz bejn iż-żewġ offerenti, il-Kunsill jista' jikkonsidra l-iffissar ta' *benchmarks*, kemm fit-tunnellaġġ tal-iskart li jintrema', kif ukoll fuq il-prezz tad-diesel, bil-għan li l-prezz ikun jista' jiġi aġġustat skont il-varjazzjoni li jkun hemm kemm 'l fuq kif ukoll 'l isfel.

9.7. Mill-intervisti li saru rriżulta li Euro Clean Ltd għandu postijiet fejn jagħlaq il-makkinarju li għandu, filwaqt li AAF Services għandu tendenza li jħalli l-makkinarju tiegħu f'toroq pubbliċi.

9.8. Billi l-offerent Euro Clean Ltd ma ssottomettiex il-*Bank Reference Letter* u l-lista ta' makkinarju li ser juża kemm-il darba jingħata l-kuntratt, il-Kunsill ma ddeċidiex dwar jekk l-istess kuntrattur għandux jiġi skwalifikat jew le. Kien hemm minn argumenta li dawn id-dokumenti, għalkemm kienu mitluba fid-dokument tal-offerta, jistgħu jintalbu wara d-data tal-għeluq. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tintalab l-opinjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti u sussegwentement jerġa jkun hemm diskussjoni fit-*Tender Adjudication Board*.

## 10.1. Sejħa Nru. 3/2013 – Servizz ta' Manutenzjoni ta' Sinjali u Tabelli tat-Traffiku (K/6/4/Vol III)

10.2. Sar aċċenn għall-minuti tal-laqgħa tat-*Tender Adjudication Board* tal-10 ta' Lulju 2013, liema rapport ġie mgħoddi lill-Kunsillieri qabel is-seduta.

10.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jaddotta r-rakkomandazzjoni tal-Bord u għalhekk ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lil offerent B. Grima & Sons Ltd.

## 11.1. Sejħa Nru. 4/2013 - Servizz ta' Kustodju għall-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ ( P/4/6/1)

11.2. Saret referenza għall-minuti tal-laqgħa tat-*Tender Adjudication Board* li saret fl-10 ta' Lulju 2013, liema rapport ġie mgħoddi lill-Kunsillieri qabel is-seduta.

11.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-offerent Joseph Grima ma ssottomettiex dokumenti li jinkludu: (a) il-lista ta' persuni li ser jaħdmu fuq il-kuntratt; (b) l-esperjenza; (ċ) il-makkinarju li ser jintuża; u (d) il-liċenzja tas-sewqan, filwaqt li l-*Bank Reference Letter* ġiet mgħoddija wara d-data tal-għeluq. Minħabba dan il-Kunsill ma ddeċidiex dwar jekk l-istess kuntrattur għandux jiġi skwalifikat jew le. Kien hemm minn argumenta li dawn id-dokumenti, għalkemm kienu mitluba fit-dokument tal-offerta, jistgħu jintalbu wara d-data tal-għeluq. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tintalab l-opinjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti

## 12.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

***"Billi r-Rapport Finanzjarju Awditjat għas-Sena 2012, ġie approvat fis-Seduta Nru. 2 tal-17 ta' April 2013, liema dokument ġie mgħoddi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika skont il-Proċeduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika);***

***Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) – Regolamenti 16 u 17 jipprovdu li għandu jitħejja Rapport Amministrattiv li: jagħti kont lill-Kunsill tal-finanzi tiegħu matul is-sena ta' qabel; jirrevedi r-riżultati ta' xogħol u finanzarji miksuba kif mqabbla ma' l-għanijiet dikjarati, mal-pjanijiet u mal-budget tal-Kunsill; u jinkludi dikjarazzjoni tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill fis-sena li tkun għalqet u l-fondi miżmuma mill-Kunsill fl-aħħar tas-sena;***

***Il-Kunsill japprova r-Rapport Amministrattiv 2012 u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jagħmluh aċċessibbli għall-pubbliku".*** **(F/1/1/Vol II)**

12.2. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

12.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-istess dokument għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 13.1. Sħubija fil-MAPEA (M/2)

13.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf illi huwa attenda s-seminar li ġie organizzat mill-Malta Association for the Prevention of Elderly Abuse (MAPEA), li l-iskop tagħha hu li joħloq għarfien dwar l-abbuz fuq l-anzjani fis-soċjeta`, kif ukoll tippreveni dan permezz ta' leġislazzjoni, ħarsien soċjali u nfurzar. Huwa qal li dan kien utli ħafna u ħarġu diversi punti ta' interess. Is-Sur Attard appella lill-Kunsill jibqa' f'kuntatt ma' din l-assoċjazzjoni permezz ta' sħubija fiha.

13.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 14.1. PA 1302/06; PA 1927/06; PA 2761/06 - Żvilupp tal-Barrieri f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol III)

14.2. Is-Sindku għarraf li tkomplew il-kuntatti mar-residenti fiż-żona Ta' Masrija dwar l-applikazzjonijiet imsemmija. Jidher li l-iżviluppaturi lesti jikkonċedu li l-għoli tal-bini jkun preċiż bħal massimu permess fuq in-naħa l-oħra ta' Triq Ta' Masrija, ossija: *semi-basement*, tliet sulari u *penthouse*. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, is-Sur J. Buttigieg ippropona li għandha ssir laqgħa bejn il-Kumitat ta' Azzjoni li twaqqaf fost ir-residenti u l-iżviluppaturi.

14.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta, iżda ma ffissa ebda data.

## 15.1. Stampar ta` fuljett b'tagħrif dwar il-lokalita` (P/3/3)

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li l-*brochure* għat-turisti dwar il-Mellieħa jeħtieġ li jiġi aġġornat u stampat mill-ġdid.

15.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li m'hemmx fondi vvutati għal dan il-għan fl-2013.

**16.1. Titjib fil-Librerija Pubblika (L/4/Vol II)**

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li l-ħitan tal-librerija pubblika fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa jistgħu jitbajdu mill-impjegati tal-fergħa tal-Mellieħa tal-HSBC Bank, li minn żmien għal żmien jieħdu inizjattivi biex jgħinu l-komunita`. Hija pproponiet sabiex isirhom dan is-suggeriment.

16.3. Il-Kunsill apprezza din il-proposta.

**17.1. *Bus Stop* fi Triq il-Kbira u Triq il-Marfa (T/5/1/Vol II)**

17.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li l-*bus stop* "Etna" li jinsab fi Triq il-Kbira, bejn Triq tas-Salib u Triq Franġisk Zahra, mhux qiegħed lill'hinn mill-*bus bay*.

17.3. Hija qalet ukoll li l-*bus stop* li kien hemm fejn id-daħla għar-Riżerva tal-Għadira, ġie spusstjat aktar 'il fuq fi Triq il-Marfa, u b'hekk il-parti ta' nofs il-bajja m'għadux moqdi f'dan is-sens.

17.4. Is-Segretarju qal li diġa saru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta fiż-żewġ każi msemmija.

**18.1. Tmexxija tal-Park tal-Familja (P/4/6/1)**

18.2. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għall-minuti tas-26 ta' Ġunju 2013 tal-Bord tat-Tmexxija tal-Park tal-Familja. Huwa tenna li l-Mellieħa Athletic Club, Mellieħa Tritons, u Mellieħa Netball Team, m'humiex rappreżentati fuq il-Bord tat-Tmexxija, minkejja li kienu saru kuntatti magħhom f'dan is-sens kemm mill-Kunsill preċedenti kif ukoll dak attwali.

18.3. Is-Sindku qal li huwa m'għandu ebda ntenzjoni li jħalli barra l-għaqdiet mit-tmexxija tal-Park, u fil-fatt kien għalhekk li fiħ ġie nkluż il-Kunsillieri H. Fenech, li ġej mit-tim tal-basketball – Mellieħa Tritons. Huwa għamilha ċara li l-konsultazzjoni mal-għaqdiet sportivi Melleħin ser tkompli, iżda ġibed l-attenzjoni li l-Park ma fihx biss il-*court* u l-korsa u hemm attrezzi oħra li jirrikjedu attenzjoni.

18.4. Is-Sur H. Fenech ikkummenta wkoll li l-problema dwar id-dħul tal-ilma fid-*dressings rooms* qatt ma kellha teskala tant li spiċċat fuq il-gazzetti. Huwa fakkar li din il-problema kienet magħrufa mill-Kunsill preċedenti u kien ippjanat li għandha tiġi trattata fis-Sajf 2013, meta ma tagħmilx xita u jieqaf il-logħob.

18.5. Is-Sindku J. Buttigieg qal li huwa semma l-ħsara li saret fis-suffett tad-*dressing rooms* fil-facebook. Il-korrispondent tal-ġurnal l-Orizzont ħa din l-istorja minn hemmhekk. Huwa ċaħad li għaddiha direttament lill-Orizzont.

**19.1. Servizzi fil-Klinika tal-Gvern (M/8/Vol V)**

19.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li saret laqgħat ma' Sinjorini Bernardette Psaila u Pauline Cauchi mid-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani u Kura fil-Komunita` bil-għan li jiġi pprovdut transport għall-persuni li jattendu l-istess ċentru, possibilment minn Ottubru 2013. Dan ikun filgħodu u wara nofsinhar permezz ta' vetturi apposta.

19.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jintalbu stimi għall-perjodu Ottubru/Diċembru 2013 bil-għan li tkun tista' tiġi evalwata l-ispiża.

19.4. Is-Sindku qal ukoll li fl-istess laqgħa sar aċċenn għas-servizz ta' *speech therapist* li qed jingħata fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Issemmiet il-ħtieġa li dan jiġi attrezzat aħjar permezz ta' ġugarelli, tapit eċċ.

19.5. Suġġett ieħor li tqanqal waqt il-laqgħa kien dwar is-sospensjoni tas-sessjonijiet tal-aerobics, li kienu jsiru fiċ-ċentru sa Marzu 2013. Is-Sur J. Buttigieg qal li fuq dan is-servizz huwa kien tkellem mas-Sur Robert Portelli mill-Kunsill Malti għall-Isports, peress li ma kien hemm xejn bil-miktub u talab ir-raġuni għaliex is-servizz twaqqaf f'Marzu. Wara diversi kuntatti, is-servizz reġa beda u ntemm fl-aħħar ta' Mejju 2013. Is-Sur Portelli wiegħed li dan il-programm ser jerġa jibda f'Ottubu 2013. Is-Sindku qal li dawn is-sessjonijiet hemm domanda għalihom u għalhekk sar sforz sabiex jerġa jiġi pprovdut is-servizz.

19.6. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjeta` Soċjali u lill-Kunsill Malti għall-Isports biex jikkonsidraw jiffinanzjaw is-servizz. F'każ li dan ma jkunx

possibbli, il-Kunsill Lokali għandu jaghmel tajjeb għall-ħlas tal-*instructors* li kienu jiġu pprovduti mill-Kunsill Malti għall-Isports.

**20.1. Kors dwar l-użu tal-pestiċidi (E/3/1/Vol III)**

20.2. Il-Kunsillier D. Vella qal li huwa kellu kuntatti mas-Sur Antoine Vella li huwa *lecturer* fl-Universita` ta' Malta fil-qasam tax-Xjenżi Rurali u l-Ikel, dwar il-possibilita` li jingħata kors li jittratta l-użu tal-pestiċidi. Kompla jgħid li dan il-korsi jinvolvi ħlas ta' €25 kull persuna u jikkonsisti f'ħames sessjoni ta' sagħtejn il-waħda.

20.2. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**21.1. Tindif tad-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa (A/6/7/3)**

21.2. Il-Kunsillier D. Vella qal li huwa ġie avviċinat mis-Sur Simon Mifsud sabiex b'mod volontarju jnaddaf it-trinka li tifforma parti mid-*defence post* imsemmija, peress li maż-żmien din imtliet bl-għollieq u fl-istat li hi wieħed ma jistax japprezzaha.

21.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

**22.1. *Seaside Slam* fl-Għadira (S/4/2/Vol III)**

22.2. Il-Kunsillier H. Fenech qal li s-sotto-Kumitat taż-Żgħażagħ qed jippropona li fil-31 ta' Lulju 2013 issir l-attivita` imsemmija fil-Bajja tal-Għadira u tkun tikkonsisti f'kompetizzjoni bi premju u tappella għal żgħażagħ minn tlettax-il sena 'il fuq. Qed jiġi propost li l-parteċipanti jħallsu €5 kull wieħed sabiex ikopru l-ikel u x-xorb. Jintalbu wkoll iħallsu €2 bħala sħubija.

22.3. Il-Kunsill approva din l-attivita`

**23.1. Kwestjonarju ndirizzat liż-żgħażagħ tal-lokalita` (Z/1/Vol V)**

23.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li s-Sotto-Kumitat Żgħażagħ qed jippropona li jitqassam kwestjonarju fejn dawn jiġu mistoqsija dwar it-tip ta' attivitajiet li jippreferu, kif ukoll sabiex jgħidu jekk humiex imsieħba f'xi għaqda taż-żgħażagħ. Huwa qal li t-tweġibiet li jingħataw għandhom jgħinu lill-Kunsill jfassal il-ħidma tiegħu fost iż-żgħażagħ a bażi tat-tagħrif miksub.

23.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**24.1. Stqarrija għall-istampa - 100 Jum ta' Hidma mill-Kunsill Lokali (P/6/Vol II)**

24.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-stqarrija datata 9 ta' Lulju 2013 fejn ingħata rendikont tal-ħidma tal-Kunsill minn meta beda l-mandat tiegħu f'April 2013. Huwa rrimarka li fl-istqarrija ngħatat l-impressjoni li l-Kunsill preċedenti għamel id-dejn, meta dan mhux il-każ.

24.3. Is-Sindku wieġeb li s-sitt Kunsill daħal għal numru ta' *commitments* fi żmien qasir, li l-Kunsill attwali huwa obbligat li jonora. Is-Sur J. Buttigieg qal li qabel jinqatgħu dawn il-*committments*, il-Kunsill ma jistax jidħol għall-proġetti kapitali ġodda.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-10.30pm u ġiet aġġornata għall-5 ta' Awwissu 2013 fis-6.00pm

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**